MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2018/2000/1

***Owl Services Limited***

***Versus***

**Jason Vella**

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex lill-konvenut għal approprjazzjoni indebita ta’ flus u diskrepanzi fil-konteġġi.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenut għandu jagħti lis-soċjetà attriċi erbat elef, erba’ mija u erbgħa u sittin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm4,464.77), valur ta’ flus ta’ l-attriċi approprjati indebitament mill-konvenut u diskrepanzi fil-konteġġi li għalihom iwieġeb il-konvenut minħabba l-impjieg tiegħu ma’ l-attriċi.  Il-konvenut kien telaq l-impjieg tiegħu ma’ l-attriċi fit-28 ta’ Settembru 1999,wara li kien interrogat dwar il-flus li nstabu nieqsa.

Billi għalxejn sejħet lill-konvenut biex iħallas dan id-dejn, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha erbat elef, erba’

mija u erbgħa u sittin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm4,464.77) minħabba approprjazzjoni indebita u diskrepanzi fil-konteġġi, kif imfisser fuq. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż u l-imgħax.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma huwiex debitur tas-soċjetà attriċi;
2. l-ammont mitlub ma huwiex korrett u għalhekk iridu jsiru l-konteġġi korretti u definittivi;
3. il-kawża hija intempestiva għax il-konvenut qatt ma kien imsejjaħ biex iħallas;
4. il-konvenut kien jaħdem ma' l-attriċi *part time* u matul iż-żmien ta' l-impjieg ma kellux aċċess għal flus kontanti u lanqas kellu ċwievet tal-*cash registers* u ta' l-imħażen; u
5. kien hemm persuni oħrajn li kellhom aċċess għall-flus u għaċ-ċwievet, u dawn il-persuni kienu tkeċċew mill-impjieg.

Il-konvenut kien impjegat mas-soċjetà attriċi. L-ewwel suspetti li l-konvenut kien qiegħed ibagħbas fil-flus inħolqu meta għeb *envelope* bi tliet mija u lira u ħames ċenteżmi (Lm301.05) fi flus kontanti. Eventwalment,wara li kien konfrontat mid-diriġenti tas-soċjetà attriċi, il-konvenut radd tliet mitt lira (Lm300) minn dawn il-flus.

Il-konvenut naqas ukoll milli jagħti rendikont tad-dħul li kien responsabbli għalih hu u kien hemm *cheques* li kienu iffirmati in bjank u li l-konvenut ħariġhom għal ammonti li ma ipproduċiex riċevuti għalihom u li, meta mistoqsi, wieġeb li nesa għala kienu nħarġu. Meta mbagħad id-diriġenti tas-soċjetà attriċi indagaw mal-benefiċjarji taċ-*cheques* instab illi l-konvenut kien inqeda b'dawn iċ-*cheques* biex ħallas għal xirjiet tiegħu personali. Kien hemm ukoll *cheque* minnhom illi l-konvenut kien għamlu pagabbli lilu nnifsu u kien sarrfu hu.

Id-diriġenti tas-soċjetà attriċi sabu wkoll illi dħul minn *cash sales* magħmula mill-konvenut ma kienx ġie depożitat fil-bank kif kellu jkun. Barra minn hekk, sabu wkoll illi kien hemm nuqqasijiet fl-i*stocks* li ma kien hemm ebda *record* tal-bejgħ tagħhom, u li għalhekk jew inbiegħu u d-dħul ma ngħatax lis-soċjetà jew inkella ttieħdu bla ħlas. Għal dawn l-i*stocks* kien responsabbli l-konvenut.

Mix-xhieda u l-kontijiet imressqa mis-soċjetà attriċi irriżulta illi b'kollox kien hemm nuqqasijiet u diskrepanzi ta' ħamest

elef, mitejn u tletin lira u ħdax-il ċenteżmu (Lm5,230.11). Il-konvenut radd tliet mitt lira (Lm300), u s-soċjetà attriċi żammitlu erba' mija u ħamsa u sittin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm465.34) mill-paga, u għalhekk fadal bilanċ ta' erbat elef, erba' mija u erbgħa u sittin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm4,464.77).

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi kien hemm persuni oħra li kellhom aċċess għall-flus, u li dawn tkeċċew mill-impjieg, iżda ma ressaq ebda prova dwar din l-allegazzjoni. Tassew illi, dwar uħud min-nuqqasijiet, il-provi kontra l-konvenut ma humiex konklużivi għal kollox fis-sens li ma jeskludux li seta' kien ħaddieħor li jaħti. Madankollu, wara li qieset li hemm provi biżżejjed kontra l-konvenut biex juri li ma kellux skrupli kontra li jbill idu fi flus is-soċjetà attriċi u li ċertament jaħti għal ħafna min-nuqqasijiet, u qieset ukoll illi ma hemmx provi kontra persuni oħra, il-qorti hija sodisfatta illi x'aktarx illi kien il-konvenut li jaħti għan-nuqqasijiet kollha. Billi dan huwa biżżejjed biex is-soċjetà attriċi tkun għelbet l-oneru ta' prova fuqha għall-għanijiet tar-rimedju ċivili, il-qorti tgħid illi huwa l-konvenut li għandu jwieġeb għan-nuqqas ta' erbat elef, erba' mija u erbgħa u sittin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm4,464.77).

Il-konvenut ressaq ukoll eċċezzjoni ta' intempestività għax is-soċjetà attriċi ma sejħitlux biex iħallas qabel ma fetħet il-kawża. Fil-fatt inġiebu provi illi l-konvenut kien imsejjaħ aktar minn darba bil-fomm. F'kull każ, iżda, l-eċċezzjoni kien ikollha relevanza għad-deċiżjoni dwar min iħallas l-ispejjeż tal-kawża li kieku l-konvenut ammetta mill-ewwel li kellu jħallas id-dejn u wera li kien iħallas minnufih hekk kif ikun imsejjaħ b'att ġudizzjarju; minflok, il-konvenut ikkontesta t-talba tas-soċjetà attriċi. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas erbat elef, erba' mija u erbgħa u sittin lira u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm4,464.77) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------